MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2009

Numru 14/2003

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

***omissis***
**Rida Salem Suleiman Shoaib**
***omissis***

(Att ta' Akkuza 14/2003)

Illum, 15 ta' Jannar 2009

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell minn verdett tal-gurati moghti fit-8 ta’ Marzu 2005 u mis-sentenza tal-Qorti Kriminali moghtija f’dik l-istess gurnata fil-konfront ta’ Rida Salem Suleiman Shoaib.

**2.** Skond l-Att ta’ Akkuza nru 14 tal-2003, ipprezentat mill-Avukat Generali fit-18 ta’ Gunju 2003, l-imsemmi Rida Salem Suleiman Shoaib kien akkuzat **fl-ewwel kap**, flimkien ma’ kuginuh El Gamoudi Nabel Mohamed u ma’ persuna ohra, Elkekli Saber, bir-reat ta’ assocjazzjoni ghall-fini ta’ importazzjoni, bejgh jew traffikar ta’ droga f’Malta, u cioe` talli t-tlieta li huma assocjaw ruhhom ma’ persuni ohra f’Malta u ma’ persuni ohra barra minn Malta sabiex jimportaw, ibieghu jew jitraffikaw medicina u droga ohra f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwovew, ikkostitwew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assocjazzjoni. Skond **it-tieni kap** tal-imsemmi Att ta’ Akkuza, huma t-tlieta gew akkuzati bil-pussess kontra l-ligi tar-raza tal-*cannabis*, b’dan li r-reat sehh taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv taghhom. Fit-**tielet kap** Rida Salem Suleiman Shoaib wahdu kien akkuzat bil-pussess kontra l-ligi – pussess mhux “aggravat” – tal-kokajina. Fl-ewwel u fit-tieni kap, Elkeki Saber kien akkuzat ukoll li kkommetta r-reati fil-periodu operattiv ta’ sentenza sospiza.

**3.** B’verdetti moghtija, kif inghad, fit-8 ta’ Marzu 2005, il-gurati b’seba’ voti favur u tnejn kontra sabu lil El Gamoudi Nabel Mohamed mhux hati skond l-ewwel kap ta’ l-Att ta’ Akkuza, u ddikjarawh ukoll mhux hati skond it-tieni kap, u dan b’sitt voti favur u tlieta kontra. Fir-rigward ta’ Rida Salem Suleiman Shoaib il-gurati bi tmien voti favur u wiehed kontra sabu lill-imsemmi Shoaib hati skond l-ewwel kap ta’ l-Att ta’ Akkuza; sabuh ukoll hati skond it-tieni kap tal-Att ta’ Akkuza bi tmien voti favur u wiehed kontra; u ddikjarawh unanimament hati skond it-tielet kap tal-istess Att ta’ Akkuza. Kwantu ghal Elkekli Saber, il-gurati ddikjarawh unanimament mhux hati kemm skond l-ewwel kif ukoll skond it-tieni kap tal-Att ta’ Akkuza (b’mod ghalhekk li l-kwistjoni tal-kommissjoni ta’ reat fil-periodu

operattiv ta’ sentenza sospiza l-Qorti ma kellhiex ghalfejn tidhol fiha).

**4.** Il-Qorti Krminali, b’sentenza moghtija ukoll fit-8 ta’ Marzu 2005, ipprovdiet hekk fil-konfront ta’ l-imsemmi Shoaib:

**“tikkundanna lill-hati Rida Salem Suleiman Shoaib ghall-piena komplessiva ta’ tnejn u ghoxrin (22) sena prigunerija, li minnhom ghandu jitnaqqas il-perjodu kollu li l-hati qatta’ taht arrest preventiv u “house arrest” in konnessjoni BISS ma’ dan il-kaz u tikkundannah ukoll ihallas multa ta’ ghoxrin elf lira Maltin (LM20,000) li jekk ma tithallasx fi zmien hmistax il-jum mil-lum tigi awtomatikament konvertita fi tmintax (18) il-xahar prigunerija ohra kif ukoll tordnalu li jhallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta’ elf tlett mija w sebgha w hamsin lira Maltin u hdax il-centezmu (LM1357.11c) rapprezentati l-ispejjes kollha tal-perizji inkorsi tul il-kumpilazzjoni, u dana bl-applikazzjoni tal-Art. 533 tal-Kodici Kriminali u finalment fil-waqt li tiddikjara lill-hati Rida Salem Suleiman Shoaib bhala immigrant ipprojbit, tordna li jinhareg ordni ta’ tnehhija tieghu minn dawn il-Gzejjer skond l-artikoli 14 u 15 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema ordni ghandu jigi esegwit appena w biss wara li jiskonta l-piena tieghu skond din is-sentenza.**

**“Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta` mobbli w immobbli ohra tal-hati Rida Salem Suleiman Shoaib;**

**“Finalment tordna ukoll id-distruzzjoni tal-istess droga kollha esebita f’dan il-process a kura tad-Deputat Registratur ta’ din il-Qorti bl-assistenza tal-Ispizjar Mario Mifsud, sakemm fi zmien hmistax il-jum mil-lum l-Avukat Generali b’Nota ma jinfurmax lil din il-Qorti li ghandu bzonn li din id-droga tigi prezervata ghal skop ta’ xi proceduri ohra kontra terzi w b’dan li l-istess Deputat Registratur ghandu jirraporta b’verbal**

**lil din il-Qorti meta din id-droga tkun giet hekk distrutta."**

**5.** Dik il-Qorti waslet ghall-din il-konkluzzjoni dwar piena wara li kkunsiderat is-segwenti:

**"Semghet fl-udjenza tal-lum, it-trattazzjoni dwar il-piena maghmula mill-Avukat Difensur Dottor. Manuel Mallia ghall-hati Rida Salem Suleiman Shoaib u s-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni maghmula mill-Assistent Avukat Generali tar-Repubblika Dottor Mark Said;**

**"Rat il-fedina penali aggornata netta tal-hati Rida Salem Suleiman Shoaib ;**

**"Rat il-verbal li bih il-prosekuzzjoni w id-difiza qablu li r-reat taht l-ewwel kap tal-Att tal-Akkuza serva bhala mezz biex gie kommess ir-reat taht it-tieni kap tal-Att tal-Akkuza w li ghalhekk skond l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 ghandha tinghata piena wahda ghal dawn iz-zewg reati w cioe` l-akbar piena w peress li r-reati ggibu l-istess piena allura ghandha tinghata piena wahda w cioe` dik ghat-tieni kap tal-Att tal-Akkuza, apparti umbaghad il-konkors tal-pieni bejn it-tieni Kap u t-tielet Kap.**

**"Hadet in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet kollha tad-difiza dwar il-piena li jinsabu registrati, inkluzi, izda mhux biss, is-segwenti w cioe` :-**

**"Illi l-hati Rida Salem Suleiman Shoaib kien ilu hawn Malta minn meta kellu sebgha snin u llum ghandu hamsa w ghoxrin sena w oltre li ghamel perjodu taht arrest preventiv kien ukoll ghamel zmien twil taht "house arrest" skond ordni tal-Qorti li hu dejjem osserva minkejja li kellu l-passaport f'idejh;**

**"Li l-hati ghandu fedina penali netta;**

**"Li kien ikkoopera mal-Pulizija u li sahansitra kien identifika persuna li skond hu kienet tfornih bid-droga**

**u ghalhekk talab il-klemenza tal-Qorti possibbli fic-cirkostanzi;**

**"Hadet in konsiderazzjoni is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni fejn qalet li hemm pieni definittivi ghar-reati li tahthom instab hati Rida Salem Suleiman Shoaib u li f'dan il-kaz il-kwantita` tad-droga involuta kellha tkun riflessa fil-piena li tigi erogata mill-Qorti;**

**"Ikkonsidrat;**

**"Illi skond l-artikolu 22(2)(a)(i) tal-Kap.101, il-piena ghall-htija riskontrata taht l-ewwel u t-tieni kap tal-att ta' l-akkuza hija dik ta' prigunerija ghall-ghomor, izda, skond il-proviso (aa) tal-istess sub-inciz, meta l-Qorti tkun tal-fehma li, meta tqis l-eta` tal-hati, il-kondotta ta' qabel tal-hati, il-kwantita` tal-medicina u x-xorta u l-kwantita` tat-taghmir jew materjali, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reat, u c-cirkostanzi l-ohra tar-reat , il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor ma tkunx dik xierqa, jew meta l-verdett tal-guri ma jkunx unanimu (proviso (bb)), il-Qorti tista' tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn erba snin izda mhux izjed minn tletin sena u multa ta' mhux inqas minn elf lira izda mhux izjed minn hamsin elf lira.**

**"Illi skond l-artikolu 22(2)(a)(ii) tal-Kap.101, il-piena ghall-htija riskontrata fit-tielet kap, hija dik ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tnax il-xahar izda mhux izjed minn ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn mitejn lira izda mhux izjed minn ghaxart elef lira;**

**"Qieset li kif gja intqal ir-reat kontemplat fl-ewwel kap ta' l-att tal-akkuza serva bhala mezz biex isir ir-reat taht it-tieni kap ta' l-att tal-akkuza w ghalhekk ghandha tinghata l-piena ghar-reat l-aktar gravi bejn dawn iz-zewg reati skond l-artikolu 17(h) tal-Kap.9 u peress li r-reati taht l-ewwel zewg kapi ghandhom l-istess piena f'dan il-kaz ghandha tinghata piena wahda apparti il-konkors tal-pieni ghall-htija tar-reati**

**taht it-tieni w it-tielet Kap; il fedina penali tal-hati, l-eta` tieghu w iz-zmien li hu ghamel taht arrest preventiv u "house arrest" kif ukoll xi kooperazzjoni li setgha estenda lill-forzi tal-ordni li pero` ma jidher li tat ebda rizultat u ghalhekk mhux applikabbli fil-fehma ta' din il-Qorti l-Artikolu 29 tal-Kap. 101;**

**"Izda fil-waqt li hadet in konsiderazzjoni dawn il-fatturi kollha fuq imsemmija favur l-akkuzat, il-Qorti pero`, mill-banda l-ohra, ma tistax tinjora l-fatt li hawn si trattava ta' pussess xjenti ta' kwantita` sostanzjali, kwazi hames kilogrammi, ta' raza tal-cannabis li, kieku ma nstabux mill-forzi tal-ordni kif instabu, kienu zgur jirrekaw dannu kbir fost il-persuni li kienu destinati ghalihom fis-suq, kif ukoll li l-hati "ex admissis" kien jabbuza regolarment minn diversi tipi ta' droga…"**

**6.** Kif, inghad, Shoaib appella kemm mill-verdett tal-gurati kif ukoll mis-sentenza tal-Qorti Kriminali, u dana b'rikors minnu pprezentat fit-18 ta' Marzu 2005. Kif gie abbilment imfisser b'mod car u erudit mid-difensuri tal-appellant – Dott. Emanuel Mallia u Dott. Giannella Caruana Curran – fl-imsemmi rikors, l-appell huwa limitat ghal dik il-parti fejn l-appellant instab hati skond l-ewwel kap tal-Att ta' Akkuza, u cioe` tar-reat ta' assocjazzjoni, kif ukoll ghal dik il-parti tas-sejbien ta' htija dwar it-tieni kap fejn huwa instab hati tal-pussess tar-raza tal-*cannabis* fil-forma aggravata (cioe` pussess taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu). L-appellant, infatti, jikkoncedi li hu kellu jinstab hati skond it-tielet kap tal-Att ta' Akkuza (pussess "semplici" tad-droga kokajina) u kellu jinstab hati wkoll mhux ta' pussess "aggravat" izda ta' pussess "semplici" tar-raza tal-*cannabis*, il-pussess semplici essendo kompriz u involut fl-akkuza ta' pussess aggravat. Fi kliem iehor, huwa jikkontendi li ma kellux jinstab hati tal-pussess tas-"sapuniet" – dsatax-il blokka tar-raza tal-*cannabis* – li l-pulizija sabu fil-fond mhux uzat u adjacenti ghal dak li fih kien jghix l-appellant, izda kellu jinstab hati biss ta' dik il-bicca zghira raza li l-pulizija sabu fil-but tieghu u tal-fatt li hu ammetta li kien xtara r-raza tal-*cannabis* f'diversi okkazzjonijiet precedenti ghall-uzu personali tieghu.

**7.** L-appellant jillanja li hu nstab hati hazin fuq il-fatti tal-kawza, kif ukoll li kien hemm interpretazzjoni u applikazzjoni hazina tal-ligi li seta' kellha influwenza fuq il-verdett. Bazikament l-appellant jikkontendi li ma kien hemm ebda prova li a bazi taghha huwa seta' jinstab hati skond l-ewwel kap ta' l-Att ta' Akkuza, u cioe` tar-reat ta' assocjazzjoni. Jikkontendi wkoll li l-gurati ma setghux, legalment u ragjonevolment, isibuh hati skond it-tieni kap, cioe` ta' pussess "aggravat" tar-raza tal-*cannabis* u dan peress li l-provi indizzjarji li kien hemm ma kinux iwasslu ghall-konvinciment morali li huwa kellu fil-pussess jew taht il-kontroll tieghu l-imsemmija dsatax-il blokka. Fl-ahhar nett jilmenta wkoll dwar il-piena erogata li jghid li kienet eccessiva.

**8.** Issa, hu appena necessarju jinghad li din il-Qorti, bhala regola, ma tinvadix it-territorju tal-gurati billi tissostitwixxi l-verdett taghha ghal dak taghhom. Fi kliem iehor, mhux bizzejjed li din il-Qorti, fuq il-provi li jkunu tressqu fil-kors tal-guri, tkun ta' fehma diversa minn dik tal-gurati dwar il-htija. Jekk il-gurati, ben diretti mill-gudikant li jkun ippresjeda l-guri, setghu legalment u ragjonevolment, jaslu ghall-konkluzzjoni li jkunu effettivament waslu ghaliha, il-fatt li din il-Qorti tkun ta' fehma diversa ma jintitolahiex li twarrab dak il-verdett. Diversament, jekk il-gurati setghu b'xi mod gew sgwidati b'interpretazzjoni jew applikazzjoni skorretta jew inkompleta tal-ligi da parti tal-gudikant li jkun ippresjeda l-guri jew minhabba xi rregolarita` ohra li tkun sehhet waqt il-proceduri, allura, salv dejjem dak li jipprovdi l-*proviso* tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 501 tal-Kap. 9[1], din il-Qorti ghandha l-obbligu li tintervjeni. Hekk ukoll, jekk din il-Qorti tkun tal-fehma li, ghalkemm ma kien hemm ebda interpretazzjoni jew applikazzjoni skorretta jew inkompleta tal-ligi u anqas xi irregolarita` ohra, il-gurati ma setghu qatt jaslu ghall-konkluzzjoni li effettivament waslu ghaliha, f'dan il-kaz ukoll din il-Qorti ghandha twarrab il-verdett tal-gurati. Kif

---

[1] Il-*proviso* jipprovdi hekk: *"Izda l-qorti tista', minkejja li tkun tal-fehma illi l-punt imqajjem fl-appell skond il-paragrafu (b) ta' dan is-subartikolu jista' jkun deciz favur l-appellant, tichad l-appell jekk tqis illi ma saret ebda amministrazzjoni hazina tal-gustizzja."*

gie mfisser recentement minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tad-19 ta’ Gunju 2008 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Paul Hili**,

**“Effettivament, kif dejjem inghad, din il-Qorti ma tinvadix it-territorju li l-ligi tirrizerva ghall-gurati hlief meta l-verdett minnhom milhuq ikun manifestament zbaljat fis-sens li ebda gurija, ben diretta, ma setghet legalment jew ragjonevolment tasal ghalih. Jigifieri jrid ikun in kontradizzjoni manifesta ghal dak kollu li jirrizulta mill-process b’mod illi ma hemmx mod iehor hlief li l-verdett milhuq jigi eskluz bhala infondat.”**

Ara wkoll id-diversi sentenzi li ghalihom saret referenza fl-imsemmija sentenza ta’ **Hili**.

**9.** Kwantu ghall-kwistjoni dwar l-ewwel kap – dak ta’ assocjazzjoni – din il-Qorti bla tlaqliq ikollha tghid li l-appellant ghandu ragun. Din il-Qorti ezaminat il-provi kollha – kemm dawk migjuba waqt il-guri, cioe` t-traskrizzjonijiet li talbu l-partijiet – kif ukoll l-attijiet tal-kumpilazzjoni diversi drabi, u ma tista’ ssib ebda prova ta’ tali assocjazzjoni. Jidher ghalhekk gustifikat l-ilment ta’ l-appellant li fuq dan il-kap il-gurati gew “sgwidati” mhux mill-Imhallef li ppresjeda l-guri izda mill-argumenti mressqa mill-prosekuzzjoni, argumenti fis-sens illi jekk huma jsibu hati lill-appellant, allura akkuzat, skond it-tieni kap huma kellhom necessarjament isibuh hati skond l-ewwel kap. Jigi pprecizat li fl-indirizz tieghu, l-Onorevoli Imhallef li ppresjeda l-guri kien car fid-direttiva tieghu lill-gurati li huma ma kellhomx jabbraccjaw dan l-argument jew din il-linja ta’ ragunament. In fatti, fl-indirizz l-Onorevoli Imhallef indirizza lill-gurati hekk:

**“U qalilkom il-prosekutur, isma’, jien hawnhekk m’ghandix ghalfejn ingib kopja tal-kuntratt, ghax dawn l-affarijiet ma jsirux bil-kuntratt, din hawn isiru *by word of mouth*, u bl-akbar segretezza w dan ukoll. U li inthom tridu tipprezumu dan il-ftehim mic-cirkostanzi. U qalilkom, mela issa ara x’taghmlu, araw issibuhomx hatja taht it-tieni kap, jigifieri ta’ dak il-pussess ta’ dawk l-affarijiet dawk is-sapuniet kollha, u**

**jekk issibhom hatja taht it-tieni kap allura bilfors kienu ftehmu dawn. Ghax jekk it-tnejn kienu jafu b'dawk l-affarijiet li kienu taghhom, qed jargumenta [il-prosekutur], mela allura bilfors li kienu ftehmu dawn [ghax] l-affarijiet ma jaqawx mis-sema, ma jigux dsatax-il sapuna jiswew taht l-ghaxart elef lira, jillandjaw hemmhekk…**

**"Imma dan kollu jrid jippruvah, u mhux b'dan il-mod, mhux ighidlek, ara kif ser issibu hati fit-tieni kap, u jekk issibu hati fit-tieni kap, il-logika hekk tghidlek. [Imma] hawnhekk kultant ma nimxux bil-logika; hawnhekk ghandna li kull kap tal-att tal-akkuza irid jirrizulta *on its own two feet*. U mhux issib htija tal-*one* ghax sibt htija tat-*two*, mhux dak il-metodu…"[2]**

**10.** L-Imhallef sedenti f'dik il-Qorti ghamilha car daqs il-kristall illi, indipendentement mill-htija ta' xi wiehed mill-akkuzati li seta kien hemm ghal dak li jirrigwarda t-tieni kap, il-gurati kellhom jaraw jekk kienx hemm xi prova dwar ftehim (u ftehim li jkun ghall-anqas wasal ghalbiex ikunu "kkumbinati jew miftehma l-mezzi…li bihom dawk il-persuni ghandhom jimxu") li hu l-bazi tal-assocjazzjoni:

**"Tridu taghmlu d-domanda ghal kull wiehed minnhom. Ghandi l-prova li dan kien involut f'xi ftehim ma' xi haddiehor? Ghandi l-prova li t-tieni wiehed kien involut f'xi ftehim ma' xi haddiehor? Hu min hu dak ix-xihadd iehor. Jista' jkun ko-akkuzat u jista' jkun barrani, jigifieri estranju ghal dawn il-proceduri. Ikun perikoluz, ikun hazin u ma tistghux taghmluh illi ssibu htija ta' l-ewwel kap biss jekk – ghall-grazzja tal-argument qed nghid biss ghalissa – issibu htija tat-tieni kap kif inhu. Ma tistghux tuzaw dak il-kriterju biex issibu htija ta' l-ewwel kap, jekk tkunu sibtu htija tat-tieni kap. Tridu zzomuhom separati u distinti, u kull kap *has to stand on its own two feet*. Ma jistax jissellef il-provi minn xi kap iehor. Ghallanqas dik hi d-direttiva li qed intikom, biex dan il-kaz jekk is-sottomissjoni tal-prosekuzzjoni, tappella**

[2] Tape 26 side B, pagni 27 u 28 tat-traskrizzjoni.

**kemm tappella ghalik, u taghmel sens mil-laboratorju logiku kemm tista' taghmel sens, illi ma nuzawx dak il-kriterju hawnhekk f'din l-Awla. Ma tistghux issibu htija fuq l-ewwel kap ghax tkunu sibtu biss htija fuq it-tieni kap. Jekk ghandkom mill-provi johorgu xi cirkustanzi, diretti jew indiretti, xi xhieda li jippruvaw li kien hemm dan it-tip ta' ftehim, ghal kull wiehed minnhom, separatament minn xulxin, biex tigi ttraffikata d-droga, allura l-akkuza tkun tirrizulta. Pero` jekk ma hemmx dawn il-provi, ma tistax tasal ghall-htija ta' l-ewwel kap ghax tkun sibt il-htija fit-tieni kap. U mhux qed nghidilkom tridu ssibu htija fit-tieni kap, ta! Dan ghall-grazzja ta' l-argument qed nghidu, biex ma tifhmunix hazin u xi hadd joqghod inizzel li qed nghid xi haga li mhux suppost."**[3]

**11.** Kif diga` nghad, prova ta' tali assocjazzjoni ma tezisti mkien fl-atti. Kemm l-argument tal-prosekuzzjoni – li, sfortunatament, il-gurati jidhru li segwew kontra d-direttiva esplicita tal-Imhallef li ppresjeda l-guri – hu fallaci jemergi mill-fatt li persuna tista' tkun bieghet kwantitajiet anke kbar ta' droga lil persuna ohra, minghajr ma l-persuna li tkun xtrat tkun necessarjament passibbli tar-reat ta' assocjazzjoni. Din il-Qorti a propositu u a skans ta' ripetizzjoni taghmel referenza ghas-sentenza taghha tas-6 ta' Marzu 2003 fl-ismijiet **The Republic of Malta v. Steven John Caddick et**. Ghalhekk dana l-ewwel aggravju ta' l-appellant qed jintlaqa', u huwa ser jigi liberat in kwantu instab hati skond l-ewwel kap ta' l-Att ta' Akkuza.

**12.** Nigu issa ghall-aggravji dwar it-tieni kap (limitatament kif fuq spjegat). Kif tajjeb josserva l-appellant, il-prova, jew ahjar provi, dwar dan it-tieni kap in kwantu jirreferu ghad-dsatax-il "sapuna" tar-raza tal-*cannabis* huma, tista' tghid kollha indizzjarji. Kif inhu risaput, prova indizzjarja fil-kamp penali tista' tkun ferm aktar importanti minn prova diretta, izda tali prova ghandha dejjem tigi ezaminata bl-akbar

[3] *ibid.* pagna 29.

reqqa. Il-principji li jirregolaw dan il-kamp tal-provi huma spjegati fi ***Blackstone's Criminal Practice 2008*** [4] hekk:

**"Circumstantial evidence is to be contrasted with direct evidence. Direct evidence is evidence of *facts in issue*. In the case of testimonial evidence, it is evidence about facts in issue of which the witness claims to have personal knowledge, for example, 'I saw the accused strike the victim'. Circumstantial evidence is evidence of *relevant facts*, i.e. facts from which the existence or non-existence of facts in issue may be inferred. It does not necessarily follow that the weight to be attached to circumstantial evidence will be less than that to be attached to direct evidence. For example the tribunal of fact is likely to attach more weight to a variety of individual items of circumstantial evidence, all of which lead to the same conclusion, than to direct evidence to the contrary coming from witnesses lacking in credibility.**

**"Circumstantial evidence 'works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities' (*DPP v. Kilbourne* [1973] AC 729 per Lord Simond at p. 758). Pollock CB, likening circumstantial evidence to a rope comprised of several cords, said:**

**'One strand of the cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction, or more than a mere suspicion; but the whole, taken together, may create a strong conclusion of guilt, that is, with as much certainty as human affairs can require or admit of.' (*Exall* (1866) 4 F & F 922 at p. 929)**

**"However, although circumstantial evidence may sometimes be conclusive, it must always be narrowly**

---

[4] O.U.P.

**examined, if only because it may be fabricated to cast suspicion on another. For this reason, it has been said that: 'It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference' (*Teper v. The Queen* [1952] AC 480, per Lord Normand at p. 489). Nontheless, there is no requirement, in cases in which the prosecution's case is based on circumstantial evidence, that the judge direct the jury to acquit unless they are sure that the facts proved are not only consistent with guilt but also inconsistent with any other reasonable conclusion (*McGreevy v. DPP* [1973] 1 WLR 276)."** [5]

**13.** Din il-Qorti fliet bl-akbar reqqa l-argumenti kollha migjuba mill-appellant, permezz tal-abbili difensuri tieghu, fir-rikors ta' appell u fit-trattazzjoni orali, u ezaminat id-dokumenti kollha inkluzi – u b'mod partikolari – il-verbal tal-access mizmum mill-Qorti Kriminali fil-kors tal-guri, ir-rapport (it-tieni wiehed) tal-Ispizjar Mario Mifsud, kif ukoll id-deposizzjoni tieghu specjalment in ri-ezami (Tape 11, Side A *et seq.*). Bazikament l-appellant jikkontendi li ebda wahda mit-tliet cirkostanzi indizzjarji – il-lokalita` ossia vicinanza ta' fejn instabu s-sapuniet ghall-post fejn kien jghix l-appellant, l-analizi kimika ta' dak li nstab, u l-kaxxa li fiha nstabu xi whud mis-sapuniet – ma setghu jwasslu ghall-konkluzjoni lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-appellant kellu xi forma ta' pussess jew kontroll fuq dawk is-sapuniet. Din il-Qorti, filwaqt li hi lesta li tikkoncedi li individwalment, u cioe` jekk kull cirkostanza tittiehed wahedha u in izolament, kien ikun ferm difficli ghall-gurija li tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, l-istess ma jistax jinghad jekk dawn ic-cirkostanzi jittiehdu fl-assjem taghhom kif ukoll flimkien ma' xi cirkostanzi ohra li l-appellant ghazel li ma jirriferix ghalihom fir-rikors ta' appell tieghu. Jibda biex jinghad li huwa veru li l-post fejn instabu s-"sapuniet" – l-appartament adjacenti ghal dak ta' l-appellant – ghalkemm kien mhux uzat fis-sens li ma kien joqghod hadd fih u kien ilu hekk ghal xi zmien, kien

[5] Pagni 2279-2280, para. F1.16.

accessibbli ghal min kien irid jidhol go fih abuzivament ossia klandestinament. Ir-raza instabet in parti f'kaxxa taz-zraben fil-veranda (indikazzjoni li kienet hemm biex tkun aktar *a portata di mano*) u in parti gewwa l-istess appartament mhux uzat. A propositu ta' dan l-appartament din il-Qorti tinnota li l-appellant, meta xehed quddiem l-ewwel Qorti, kien pjuttost evaziv dwar jekk kienx hemm nies ohra jghixu fih. Ghalkemm qal li kien jaf li kien hemm nies ohra f'appartamenti ohra – ara Tape 14, Side B, p. 9 – meta gie mistoqsi dwar jekk kienx hemm nies joqoghdu fl-appartament adjacenti (fejn instabu s-"sapuniet") qal li ma kienx jaf ghax ma kienx jaghti kaz:

**"Pros: Naqblu li dak iz-zmien il-Giardino Restaurant kien maghluq, kien ilu maghluq, le?**
**Xhud: Iva kien ilu xi sena jew sena w nofs.**
**Pros: U naqblu wkoll li l-flat ta' fejn instabet il-kaxxa biex nifthemu kien ilu mitluq ukoll?**
**Xhud: Ma nafx.**
**Qorti: Ma tafx jekk hdejkom kienx hemm vojt jew le?**
**Xhud: Le ma nafx.**
**Qorti: Kullma trid taghmel thares hekk, ma tindunax jekk hux vojt jew le l-flat?**
**Xhud: Minn dejjem kien hekk.**
**Pros: Qatt rajt sinjal ta' hajja hemmhekk int?**
**Xhud: Iva meta kien fi zmien ta' Spiru kont rajt xi nies.**
**Pros: U iva kemm qabel qed tghid zmien ta' Spiru?**
**Xhud: Xi sena w nofs, xi haga hekk.**
**Qorti: Fiz-zmien ta' qabel l-incident, forsi ftit gimghat qabel jew ftit xhur qabel, ma kontx taf jekk hemmx nies joqghodu hemm jew le?**
**Xhud: Ma kontx naghti kaz, Sur Imhallef.**
**….**
**Pros: Pero` nghid sew inti spiss kont tohrog fil-veranda tal-flat tieghek, le?**
**Xhud: Iva gieli kont nohrog.**
**Pros: Meta kont tohrog qatt rajt xi sinjal ta' hajja jew xi nies illi m'humiex t'hemmhekk? Jew xi haga f'dak l-appartament ta' hdejk?**
**Xhud: Qatt ma kont naghti kaz, ma nafx. Ma nahsibx li rajt jien.**
**….**

**Qorti: Issa fiz-zmien qabel l-incident jekk kontx taf li magenbek vojt jew inkella okkupat?**
**Xhud: Jien ma kontx naghti kasu hemmhekk Sur Imhallef." [6]**

Fatt determinanti, pero`, huwa li r-raza fil-veranda instabet f'kaxxa li kienet gejja mill-appartament tal-appellant. In fatti mhux kontestat li ftit granet qabel ma sar ir-*raid* mill-pulizija, l-appellant u kuginuh (li kien beda jghix fl-istess appartament) kienu marru jixtru par zarbun kull wiehed, u dik il-kaxxa kienet taz-zarbun ta' kuginuh (il-ko-akkuzat El Gamoudi). *Ex admissis*, pero`, kien l-appellant biss li kien jibbazzika fid-droga – kemm kokajina kif ukoll raza tal-*cannabis* – u mhux ukoll kuginuh jew il-peruna l-ohra (it-tielet ko-akkuzat). Jekk ma' dan kollu wiehed izid il-fatt li l-analizi kimika tas-"sapuniet" min-naha u tal-bicca zghira raza misjuba fuq il-persuna ta' l-appellant min-naha l-ohra – jigifieri l-analizi tad-diversi sustanzi kontenuti f'kampjuni ta' dawk is-"sapuniet" u f'dik il-bicca zghira raza – kienet turi "similjanza kemikali kbira" (ghalkemm mhux identita` preciza), wiehed ma jistax jghid li l-gurati ma setghux, legalment u ragjonevolment, jikkonkludu li dawk is-"sapuniet" kienu ta' l-appellant. Ta min jghid ukoll li hemm cirkostanza ohra li l-appellant jinjora kompletament fl-appell tieghu, u cioe` l-fatt li s-"sapuniet" kienu kwazi kollha tal-istess piz, hlief ghal wahda li kienet prorpju fil-veranda u fil-kaxxa aktar 'l fuq imsemmija – li nghatat il-kodici tal-laboratorju 02 BUI 201A/5 [7] – li, kif anke jirrizulta mir-ritratt a fol. 209, ghandha tarf jew kantuniera mtajra. Huwa minnu li l-Ispizjar Mifsud ma setax jaghmel *mechanical fit* bejn il-bicca raza misjuba fuq l-appellant u din il-blokka jew "sapuna" partikolari – principalment ghax il-bicca misjuba fuq l-appellant kienet zghira wisq[8] – izda xejn ma kien izomm lill-gurati milli jzidu din ic-cirkostanza mac-cirkostanzi l-ohra aktar 'l fuq imsemmija biex jaslu ghall-konkluzjoni taghhom.

---

[6] Tape 14, Side B, pp. 8, 9.
[7] Ara fol. 239 tal-attijiet ta' l-istruttorja.
[8] **"Gurat: Xtaqt inkun naf jekk joghgbok jekk sarx *test* ta' *mechanical fit*? Pruvajtx jew assolutament qbiztu bejn il-blokka 05 u r-raza li nstabet f'xi but?**
**"Xhud: Pruvajt imma kienet ammonti zghar, u mechanical fit ma setax isir."**
(Tape 11, Side A, p. 3)

**14.** Anqas ma jista' jinghad li kien hemm xi interpretazzjoni jew applikazzjoni zbaljata tal-ligi, fl-indirizz ta' l-Onorevoli Imhallef li ppresjeda l-guri, fir-rigward tat-tieni kap ta' l-Att ta' Akkuza. L-indirizz kien wiehed korrett minn kull aspett, u l-appellant ma jistax jippretendi, kif donnu qed jippretendi, li l-Imhallef jenfasizza f'aktar minn stadju wiehed ta' l-indirizz it-tifsira legali u l-import tal-prova indizjarja.

**15.** Kollox ma' kollox, ghalhekk, din il-Qorti hi tal-fehma li ma hemm ebda raguni ghala l-verdett tal-gurati dwar it-tieni kap ghandu b'xi mod jigi mibdul.

**16.** Nigu issa ghall-piena. Ovvjament, peress li din il-Qorti sejra tillibera lill-appellant mill-akkuza taht l-ewwel kap tal-Att ta' Akkuza, ser ikun hemm necessarjament ridimensjonament fil-piena. L-uniku fattur mitiganti li din il-Qorti tara hija l-fedina penali nadifa ta' l-appellant.

**17.** Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

(a) thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn iddikjarat lil Rida Salem Suleiman Shoaib hati skond l-ewwel kap tal-Att ta' Akkuza, u minflok tiddikjarah mhux hati skond dan l-ewwel kap tal-Att ta' Akkuza;

(b) thassarhu u tirrevokaha wkoll f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghall-piena komplessiva ta' tnejn u ghoxrin (22) sena prigunerija, kif ukoll fejn ikkundannatu multa ta' ghoxrin elf lira Maltin (LM20,000) konvertibbli fi tmintax-il (18) xahar prigunerija ohra "jekk ma tithallasx fi zmien hmistax il-jum mil-lum", u minflok tikkundannah ghall-piena ta' tlettax-il (13) sena prigunerija u multa ta' tlieta u ghoxrin elf mitejn u tlieta w disghin ewro u tlieta w sebghin ewro centezmi (Euro23,293.73) konvertibbli f'sena prigunerija ohra fil-kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi; u

(c) tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, inkluza f'dik il-parti fejn gie ordnat it-tnaqqis li ghandu jsir mill-piena ta' prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------